# Il-Moviment Nazzjonali Katalan : Letteratura u Politka

IL-MOVIMENT tar-Romantiċiżmu li għaddiet minnu l-Ewropa fis-seklu li għadda, imqanqal u mmexxi minn fehmiet u ideali ġodda li ħakmu l-imħuħ tan-nies Ewropej, ġab tibdila ta' taħt fuq fil-gosti artistiċi u letterarji. It-tliet għajtiet ta' "Libertè, Egalitè, Fraternitè" tar-Rivoluzzjoni Franċiża, li kienet turi ġenb wieħed biss ta' dan il-moviment kbir, nibbtu, wieħed wara l-ieħor, movimenti nazzjonali fost ħafna ġnus żgħar li kienu taħt pajjiżi oħra aqwa minnhom. Popli sħaħ sabu r-ruħ nazzjonali bis-saħħa ta' l-ilsna popolari li sa qabel ma r-Romantiċiżmu xerred l-ideat tiegħu, kienu għadhom mhumiex magħrufin bħala lingwi uffiċjali u letterarji. Fittex il-bidu tal-letteratturi u tan-nazzjonaliżmu ġenwin f'Malta, fin-Norveġja, Finlandja, Estonja, Ungerija, Rumanija u bnadi oħra u ssibhom li t-tnejn twieldu u mxew flimkien fis-seklu tar-Romantiċiżmu. Fil-Katalonja ukoll, provinċja fi Spanja, is-seklu dsatax ra t-twelid ta' moviment biex tinbena kultura u letteratura nazzjonali.

Qabel ma nidħol fil-qalba tas-suġġett, irrid ingħid x'inhu l-Katalan u nagħti fil-qosor l-istorja tal-provinċja. Il-Katalan, bħall-Kastiljan, illum magħruf bħala l-Ispanjol, bħat-Toskan, illum it-Taljan, bħad-djalett Galiċjan, illum il-Portugiż, ġej mill-Latin li kien jitħaddet bih il-poplu baxx Ruman tal-kolonji. Qabel ma saret l-għaqda tal-provinċji, Kastilja, Aragona, Katalonja, fl-1479, il-Katalonja kienet stat sovran, b'liġijiet għaliha, b'Dar Irjali tagħha, b'lingwa waħda għall-kitba uffiċjali u letterarja, marbuta aktar ma' Provença (Franza t'Isfel) milli mal-bqija ta' Spanja. Mis-sena 1479, il-Katalan qabad in-niżla li wasslitu b'ħeffa tal-biża' mill-għoli fejn kien qiegħed għall-istat ta' djalett Romanz minsi. U din il-waqgħa ta' l-ilsien Katalan infissruha malajr. Il-letteratura Kastiljana kienet akbar u aqwa minn dik Katalana. L-għajnuna li kienet tagħti d-Dar Irjali lill-Katalan inqatgħet għax issa Dar Irjali waħda kien hemm, dik f'Madrid. Li tkun taf titkellem u tikteb il-lingwa tas-sidien kien il-muftieħ għal privileġġi, setgħa, u pożizzjoni għolja. In-nobbiltà Katalana dan fehmitu sewwa. Fil-bliet il-kbar, bħal Barċellona, il-kummerċ beda jsir bil-Kastiljan, u bil-

Kastiljan ukoll bdew jiktbu n-nies ta' skola Katalani. Imwarrab mid-djar tan-nies tal-klassi għolja, il-Katalan sab kenn u ħajja fid-djar tan-nies tar-rħula u tal-ħaddiema. F'dan is-saff t'isfel tas-soċjetà Katalana baqgħu ħajja l-għana popolari, il-leġġendi, l-għidut u s-safa tal-lingwa, jistennew fuq 300 sena jgħaddu sakemm waslet il-qawma tal-lingwa fil-bidu tas-seklu dsatax. Żid ma' dawn ir-raġunijiet, il-mibegħda u l-gwerra li għamlu s-slaten ta' Spanja biex jeqirdu l-ilsien Katalan, u tkun ħaġa eħfef biex tifhem l-għala wara daqshekk żmien, il-Katalan ftaqar għallaħħar. Ma kienx għad fadallu dik is-setgħa, qawwa ta' espressjoni u għadd ta' kliem u frażijiet biżżejjed biex ikun jista' jfisser sa l-ikbar reqqa tal-ħsieb. Mela, biex il-Katalan jerġa' jiġi f'tiegħu, kien jeħtieġ li qabel xejn isir il-fejqan tal-lingwa nfisha. Kotba ta' grammatki u dizzjunarji qabel il-kitba ta' poeżija u proża.

Il-ħruġ ta' dizzjunarju Katalan - Kastiljan - Latin fl-1803, kien l-ewwel xaqq dawl li wiegħed is-sebħ ta' żmenijiet aktar ħanina għall-ilsien Katalan. It-tiftix ta' filoloġija, miktub bil-Kastiljan, li għamel Antoni de Company (1742-1813) fuq id-"djalett" Katalan kien ġebla oħra fit-tqegħid tal-pedament tal-moviment lingwistiku Katalan. Imma rridu nsemmu li de Company ma għamilx dan l-istudju fuq il-Katalan bil-ħsieb li jerġa' jqajjmu min-nagħsa li kien fiha għax fil-*memoirs* tiegħu ħalla miktub li ma setax jifhem għalfejn wieħed kellu għax jikteb bil-Katalan, ilsien provinċjali qadim għoddu mejjet, mhux magħruf bħala lsien letterarju, u li l-Ewropa lanqas biss kienet toħlom li qiegħed fid-dinja. Iżjed patrijott u ta' min ifaħħru kien il-qassis Kattoliku Josep Pau Ballot (1747-1821). Qassis maħruġ mill-kotra tal-poplu, żamm ruħu marbut mal-ħwejjeġ tal-poplu. Fl-1814 ħareġ il-"Gramàtica y apologia de la llengua cathalana" u bil-maqlub ta' Company, Ballot stampa dal-ktieb apposta bil-ħsieb li jtella' l-Katalan sa l-ogħla quċċata tal-perfezzjoni. "X'uħud ippruvaw iwaqqgħu l-Katalan għad-daħk", kiteb Ballot fil-"Gramatica y Apologia", "għax qalu li mhu xejn lingwa imma taħdit barbaru u goff, bla grammatka, bla ebda ħila li jista' jkollu waħda". Wara li jgħid li l-Katalan mhux agħar minn kull lingwa oħra, Ballot ifaħħar il-Katalan "għax hu ħafif, ċar, safi, espressiv, konċis, melodjuż u naturali". Għajnuna minn naħa mhix mistennija ġiet mill-"British and Foreign Bible Society" li għamlet traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid fl-

1832. Kotba żgħar reliġjużi għall-poplu, xi ktieb maqlub mit-Taljan jew Spanjol, dizzjunarju oħxon Katalan - Kastiljan - Latin - Franċiż - Taljan u għandek il-ħidma filoloġika li saret fl-ewwel snin tal-moviment nazzjonali Katalan.

Issa wara li tlesta dan it-tiftix fuq il-Katalan, inkitbu grammatki u dizzjunarji, u saret id-difiża tiegħu, xogħol li tista' tqisu t-tilqima li terġa' tagħti s-saħħa lill-ġisem marid tal-lingwa, kien wasal iż-żmien li jidhru xi poeżiji ta' mertu letterarju. Bonaventura Carles Aribau (1798-1862) fl-istorja tal-Qawmien Katalan għandu madwar ismu bħal awra ta' seħer, għax b'poeżija ta' 48 vers, miktuba waqt li kien imbiegħed mill-Katalonja u mċaħħad mill-Katalan, waddab l-ewwel sfida kburija f'wiċċ it-tradizzjoni anti-demokratika li kienet issaltan f'pajjiżu, u fetaħ it-triq biex ta' warajh jitilqu l-kelma Kastiljana li ma kenitx tagħhom u jibdew jiktbu bl-ilsien Katalan. Il-poeżija ta' Aribau, "Oda a mi Patria" deħret fl-1833. Fiha tinħass qawwija l-imħabba għall-Katalan "li jagħti lil ruħi l-innoċenza ta' żogħżiti". Fil-ħames stanza jgħidilna minn liema nixxigħat kienet trabbiet u għexet fih imħabbtu għall-Katalan (*llemosì*) :—

*En llemosì sonà lo meu primer vagit,*
*quan del mugró matern la dolça llet bevia,*
*en llemosì al Senyor pregava cada dia,*
*i càntics llemosins somiava cada nit* (1).

Il-laqgħa tajba li kellha l-Oda ta' Aribau ħajjret oħrajn biex jiktbu bil-Katalan fil-ġurnal "El Vapor", immexxi minn R. Lopez Soler, patrijott Katalan. Raġel ieħor ta' personalità qawwija kompla x-xogħol li bdew Ballot u Aribau. Rubio i Ors (1818-99), professur tal-letteratura Spanjola fl-Università ta' Valladolid, ħareġ l-ewwel xogħlijiet poetiċi tiegħu fl-1839 u t-tieni ktieb sentejn wara, imma aktar importanti mill-kontenut poetiku tat-tieni ktieb kien l-istudju ta' quddiem li għamel il-poeta, fejn huwa ħeġġeġ il-poplu Katalan kollu biex jibda jħobb u jqim l-ilsien nazzjonali. Sejħa bħal dik ġejja minn professur, mogħtija fi żmenijiet ta' intolleranza u stmerrija hekk qawwija għall-Kata-

(1) Bil-Malti: Bil-Katalan instemgħet l-ewwel bikja tiegħi / meta minn sider ommi xrobt il-ħalib bnin; / bil-Katalan kont nitlob lill-Mulej kull jum / u għanjiet Katalani kont noħlom kull lejla.

Għal sentimenti jixxiebhu, għax naturali, aqra "Għaliex?" ta' Dun Karm.

lan, tat il-frott tagħha f'nies ta' rieda tajba li fehmu u emmnu dik il-verità li Rubìo i Ors xtaqhom li jgħożżu, jiġifieri li l-bini ta' kultura Katalana bl-ilsien Katalan ma kenitx xi ħolma tat-tfal ċkejknin. Imma jitqarraq min jaħseb li saret bidla bħallejl min-nhar fil-moħħ tal-Katalani kollha, l-aktar fl-*intelligentsia* Katalana. Fost dawn ta' l-aħħar insemmu lil Mila i Fontanals (1818-1884), bniedem kolt, bniedem li ismu jibqa' jissemma bħala wieħed mill-istudjużi kbar Spanjoli tas-seklu dsatax, imma li għall-ewwel ma setax jifhem u jifraħ bil-moviment Katalan mibdi minn ħutu l-Katalani. E. Allison Peers, awtorità f'kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' Spanja, fil-ktieb tiegħu "St. John of the Cross", igħarrafna li l-ewwel kittieba Katalani tad-drama kienu jqiegħdu kliem Kastiljan f'ħalq il-karattri tas-sinjuri u ta' nies ta' skola u kliem Katalan f'ħalq in-nies bla skola — qaddejja, tal-ħwienet, u bdiewa. Inkella? Il-fjur ta' l-*intelligentsia* Katalana ma tbaxxix ruħha u ma tmurilhomx għad-drammi tagħhom! Il-professur Ingliż igħidilna wkoll li jiftakar ħafna Katalani li biex jidhru ta' nies quddiem il-barranin kienu jagħmlu ta' bir-ruħhom ma jafux jitkellmu bl-ilsien tagħhom, il-Katalan. Qiegħed insemmi dan kollu biex nuri li kull tradizzjoni jrid igħaddi żmien twil minn fuqha biex għeruqha jinxfulha u jmutulha għal kollox.

Nerġgħu għal fejn tlaqna. Il-moviment nazzjonali mibni fuq il-lingwa Katalana li bdiet tieħu l-ħajja ftit ftit, baqa' jissaħħaħ u jixtered qalb kull klassi ta' Katalani bit-twaqqif tal-"Jocs Florals (Logħbiet tal-Ward), fl-1859 fil-belt ta' Barcellona. Dik is-sena l-Katalani sejħu lill-"poeti u prożaturi meqjuma tal-Katalonja u ta' dawk l-artijiet kollha fejn l-ilsien tagħna huwa mitkellem u magħruf" biex issir bħal laqgħa tal-ħbieb u tal-ħaddiema kollha tal-moviment, jinqraw bċejjeċ ta' poeżija u proża u jingħataw premjijiet lill-aħjar kittieba. Antoni de Bofarull (1821-92), fid-diskors li għamel fil-ftuħ ta' l-ewwel "Jocs Florals" fl-1859, qal lis-semmiegħa biex ma jinsew qatt li, għalkemm il-Katalan kien jinsab midrub minn xorti ħażina, hu waħdu kien minn dejjem l-espressjoni tan-nazzjonalità Katalana.

Hemm studjuż ieħor li l-Katalani għadhom jiftakru bl-akbar għożża. Marion Aguilò (1825-97), imwieled fil-gżira ta' Majorka, laħaq librar ta' l-Università ta' Valencia fl-1858, u hemmhekk intefa b'ruħu u b'ġismu fil-moviment Katalan. Aguilò kiteb poeżija lirika li qalgħet it-tifħir u l-ammirazzjoni ta' poeti

oħra, imma mhux bil-ħila tal-poeżija ħalla isem warajh. Aguilò kien imur fl-irħula u l-bnadi l-aktar imbiegħda tal-Katalonja fejn il-lingwa żammet ruħha meħlusa mill-ħafna Kastiljaniżmi li biddlu u ħalltu t-taħdit li kien jinstema' fl-ibliet, u kull kelma qadima, kull għanja tal-poplu, kull leġġenda, ballata, superstizzjoni u qawl li kien jisma' kien iniżżilhom u mbagħad jistampahom biex ħutu l-Katalani jkollhom quddiemhom mera ċara tar-ruħ primitiva ta' ġenshom. U dan ix-xogħol għamlu bi ħrara akbar għax hu kien wieħed minn dawk il-ftit li kienu favur letteratura nazzjonali mibnija mingħajr influwenzi u self minn pajjiżi barranin. Wara l-mewt ta' Aguilò l-istudju tal-folklore tkompla u ħa xejra soda u xjentifika.

Għall-Katalani Jacinto Verdaguer (1845-1902), hu fuq kollox "il-poeta tal-Katalonja l-ġdida" u dan it-titlu ħaqqulu tassew għax f'idejn dan il-poeta qassis il-Muża Katalana laħqet għoljiet ta' ispirazzjoni u ħlewwa ta' ritmu li sa żmienu kienu għadhom ma dehrux. B'Jacinto Verdaguer beda perijodu ġdid fit-tħaddim tal-Katalan. Il-poeti tal-bidu għandhom il-merti tagħhom, jekk mhux għal ħaġ'oħra, għall-inqas għax huma kienu n-naġġara li ħadmu u rattbu l-ħruxija ta' l-ilsien Katalan staġnat. Imma l-poeżija tagħhom mhijiex miktuba b'dik il-lingwa friska u idjomatika, ħielsa minn ħafna arkajiżmi u kliem tad-dizzjunarju li jfixklu l-mixja ħafifa tal-ħsieb tal-qarrej, li ssib fil-poeżija ta' Verdaguer. Għax trid tiftakar li fil-bidu tal-Qawmien Katalan rijazzjoni qawwija kontra l-Kastiljan u r-raxxa kbira ta' kliem u frażijiet li daħlu minnu fil-Katalan, wasslet għall-għajta ta' Katalan miktub safi(2). Taħt l-influwenza ta' Verdaguer, il-kittieba Katalani li ġew warajh kellhom fehma aktar liberali dwar kif għandha tinkiteb lingwa li tbiddlet u ltaqgħet ma' ilsna oħra tul għomorha. Għalhekk Josep de Sagarra (1894—) u Josep

(2) Hekk ukoll, il-kittieba Griegi, Bulgari, Kżeki, Ungeriżi u l-aktar nett Rumeni fl-ewwel snin wara li l-lingwi nazzjonali tagħhom ħadu l-istat ta' ilsna letterarji u uffiċjali, kienu jagħmlu mill-aħjar biex fil-kitba tagħhom jaħarbu kliem barrani. M'ilux wisq fil-Germanja, xirka qawwija letterarja (Sprachveren) kienet toħloq kliem safi Ġermaniż biex jieħu post kliem ieħor missellef użat f'kull fergħa tal-ħajja Tedeska. Fit-Turkija, waħda mill-akbar riformi ta' Kemal Ataturk kellha l-ħsieb li taqla' 'l barra xi 20,000 kelma Għarbija u Persjana li minn mijiet ta' snin kienu ilhom li saru ħaġa waħda mill-ilsien Tork, toħroġ forom ġodda ta' kliem minn kliem ieħor Tork, u tagħti preferenza lill-kliem ta' oriġini Torka fil-kitba letterarja, xandiriet minn fuq ir-radju, tagħlim fl-iskejjel, eċċ.

Carner (1884—) li jirrappreżentaw il-ġenerazzjoni ġdida tal-kittieba Katalani, huma magħrufin u maħbubin l-aktar għall-istil ħaj u għal-lingwa ħafifa u naturali tagħhom. Trid it-tul biex toqgħod issemmi wieħed wieħed il-kittieba kollha Katalani li żammew taqbad u wasslu bla mittiefsa lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom it-torċa ta' l-Idejal li għalih kien inħoloq il-moviment. Biss nistgħu nagħtu l-iżvilupp tal-letteratura Katalana ta' dan l-aħħar fil-qosor. Aktar ma għadda ż-żmien aktar il-moviment firex għeruqu fil-qiegħ tal-qlub tal-kotra; kibru u twessgħu l-leħmiet tal-poeżija li fil-bidu ma kinux ħlief reliġjużi, imħabba romantika u mħabba għall-art tat-twelid; bdew jinqalbu bil-Katalan ix-xogħlijiet ta' dawk il-Katalani kbar li kitbu bl-Ispanjol u r-rumanzi l-kbar ta' kittieba Ewropej; il-kitba Katalana qabżet il-fruntieri tal-pajjiż u saret magħrufa barra b'riħet traduzzjonijiet; in-nies letterati żammew ruħhom imgħarrfin u mitmugħin bl-aħjar kurrenti tal-ħsieb Ewropej; taħt l-influwenza tal-kittieba veristi Franċiżi, l-aktar ta' Żola daħal ir-rumanz realistiku, skola ta' kitba li sabet awturi ta' ħila kbira; id-drama, mill-kummiedji ċajtiera u mhux artistiċi bdiet taqdi l-akbar skop tagħha — dak li tqiegħed il-mera quddiem il-ħajja tal-bniedem; għall-bidu ta' das-seklu ntgħażlet sistema waħda ta' ortografija, dik ta' Pompeu Fabra (1868—); u l-appostlu tar-*Renaixenca*, Angel Guimerà (1849-1924), kompla jxandar l-aħbar tajba tal-Katalan irxuxtat mat-tul u mal-wisgħa tal-Katalonja u ġġieled sa ma farrak l-oppożizzjoni ta' xi intellettwali li maqtugħin mill-moviment, baqgħu jifhmuh ħażin u jfixkluh.

Biex inkun tajt kwadru sħiħ tal-Qawmien Katalan, jonqosni nmiss ħafif ħafif il-ġrajjiet politiċi li ġraw fi Spanja wara li rxoxta l-Katalan. Qrib l-aħħar tas-seklu XIX, spirtu qawwi ta' nazzjonaliżmu xegħel fil-biċċa l-kbira tal-Katalani li bdew jitolbu mill-Gvern Ċentrali ta 'Madrid, stat awtonomu Katalan u l-għarfien tal-Katalan bħala lsien uffiċjali. Din it-talba kienet għal kollox kontra l-politka tal-Gvern Ċentrali ta' Stat Spanjol wieħed b'ilsien uffiċjali wieħed. Ma kienx fadal ħaġ'oħra ħlief li l-kustjoni tinqata' politikament. Miguel de Unamuno fl-*essay* tiegħu "Politica y Cultura", miktub fl-1908, jagħtina kwadru qasir imma ċar ta' l-atmosfera taħraq bil-passjonijiet qalila tal-Katalani li għalihom xejn ma kien ta' importanza akbar dak iż-żmien milli li jgħajtu u jiktbu, kuljum kuljum, għall-"Home Rule". Kien hemm ix-xogħol x'isir bla dewmien xejn mill-mexxejja

Katalani: isaħħu l-fidi fl-individwalità Katalana, jilqgħu mill-aħjar li jistgħu l-mewġa tal-Kastiljan fil-Katalonja; iħaqquha li l-Katalan jingħaraf lingwa uffiċjali; u fl-aħħarnett jagħmlu l-Katalan il-mezz għat-tagħlim fl-iskejjel flok il-Kastiljan, u dan iktar għax iħobbu l-Katalan milli għax jobogħdu l-Ispanjol. Imbagħad wara li nkunu għamilna dax-xogħol għall-ġid u glorja nazzjonali, kienu jgħidu l-Katalani, ikun wasal il-waqt li nintefgħu għall-istudji għoljin, nagħtu l-kontribut tagħna għat-tkabbir tal-għerf u nxerrdu dan il-għerf fost il-poplu—bil-Katalan!

Il-kustjoni tal-Katalonja kienet il-blata li ġarrfet kemm-il gvern ipprova jara kif jeħles minn dix-xewka mingħajr ma jilqa' t-talbiet kollha tal-Katalani. Fl-1931, taħt il-President Zamora, sar plebixxit fil-Katalonja u l-maġġoranza kienet favur it-twaqqif ta' repubblika. F'Settembru 1932, il-Katalan ingħaraf bħala lsien uffiċjali tal-Katalonja flimkien ma' l-Ispanjol. Imma r-Repubblika ġdida kellha għomorha qasir. Fl-1936 qam taħwid u tilwim tal-ġenn bejn il-partiti Spanjoli u biex isib tarf dil-kriżi l-General Francisco Franco xandar lid-dinja fl-ewwel ta' Ottubru li kien beħsiebu jwaqqaf Gvern Spanjol fuq bażi wiesgħa totalitarja. U hawnhekk wasalna fl-aħħar att tad-drama tar-*Renaixenca* Katalana, att li juri l-qerda traġika ta' moviment b'ħajja ta' 140 sena. Għar-reġim Falanġist il-kelma awtonomija tal-Katalonja tixbah liċ-ċarruta ħamra mqiegħda quddiem il-barri fl-arena. Biex jeqred kull ħsieb ta' awtonomija Katalana, il-Gvern Spanjol tefa' qawwietu kollha kontra l-ilsien Katalan li tqaċċat 'il barra mill-iskejjel, qrati, użu uffiċjali u taħditiet magħmulin fil-pubbliku. Tagħbijiet sħaħ ta' kotba bil-Katalan inħarqu fil-pjazez u l-biża' tal-ħabs jew tal-kastig qiegħed imewwet kull xenqa li l-kittieba Katalani jistgħu jħossu biex jibqgħu jkabbru l-letteratura nazzjonali tagħhom. Il-moviment tħarbat meta kien fl-aqwa tiegħu. X'uħud mill-kittieba Katalani, bħal Victor Català u Sagarra qegħdin sektin fi djarhom fil-Katalonja bit-tama li għad jaslu żmenijiet aħjar, waqt li oħrajn li ma jbaxxu rashom qatt għall-politika tal-Gvern ta' assimilazzjoni tal-Katalonja, ħarbu fl-artijiet ta' l-Amerka Latina fejn għadhom iżommu miexi kurrent irqiq tat-tradizzjoni letterarja ta' pajjiżhom fil-ġurnal tagħhom "Rivista dels Catalans d'America", u fil-laqgħat ta' kull sena tal-"Jocs Florals".

Ġorġ Cassar,
(Student, Kors tal-Liġi).